



Kunsill
tal-Unjoni Ewropea

Brussell, 14 ta' Ġunju 2024
(OR. en)

10980/24

JAI 992
COPEN 311

EŻITU TAL-PROĊEDIMENTI

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
lil:	Delegazzjonijiet
Nru. dok. preċ.: 10253/24	
Suġġett:	Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar "Il-ġlieda kontra t-traffikar tad-drogi u l-kriminalità organizzata: It-twaqqif ta' Network Ġudizzjarju fil-qasam tal-Kriminalità Organizzata"

Fil-laqgħa tiegħu tat-13 u l-14 ta' Ġunju 2024, il-Kunsill (Ġustizzja u Affarijiet Interni) approva sett ta' konklużjonijiet tal-Kunsill dwar "Il-ġlieda kontra t-traffikar tad-drogi u l-kriminalità organizzata: It-twaqqif ta' Network Ġudizzjarju fil-qasam tal-Kriminalità Organizzata". It-test kif approvat mill-Kunsill jinsab fl-Anness.

Konklużjonijiet tal-Kunsill

"Il-ġlieda kontra t-traffikar tad-drogi u l-kriminalità organizzata:

It-twaqqif ta' Network Ġudizzjarju fil-qasam tal-Kriminalità Organizzata"

Introduzzjoni**Kwistjoni ġenerali**

1. Il-kriminalità organizzata li tinkludi t-traffikar illeċitu tad-droga tirrappreżenta theddida kbira għaċ-ċittadini, in-negozji u l-istituzzjonijiet Ewropej, kif ukoll għall-ekonomija Ewropea u s-sigurtà tal-Istati Membri. Il-gruppi tal-kriminalità organizzata qed jużaw dejjem aktar il-vjolenza estrema, l-infiltrazzjoni tal-ekonomija leċita u l-korruzzjoni, u b'hekk qed inaqqsu l-istat tad-dritt u jipperikolaw il-prinċipji fundamentali tad-demokraziji tagħna.
2. L-istrateġija tal-UE biex tindirizza l-kriminalità organizzata 2021-2025¹ għandha l-għan li tagħti spinta lill-infurzar tal-liġi u l-kooperazzjoni ġudizzjarja, tindirizza l-istrutturi tal-kriminalità organizzata u r-reati ta' prijorità għolja, telimina l-profitti kriminali u tiżgura rispons modern għall-iżviluppi teknoloġiċi. L-istrateġija tal-UE dwar id-Drogi 2021-2025² u l-Pjan ta' Azzjoni tal-UE dwar id-Drogi 2021-2025³ jipprovdu l-qafas politiku ġenerali dwar il-politika dwar id-drogi. Dawn jieħdu approċċ ibbażat fuq l-evidenza, integrat, ibbilanċjat u multidixxiplinarju għall-fenomeni tad-drogi fil-livell nazzjonali, tal-UE u dak internazzjonali. Dokument aktar reċenti, il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni dwar il-Pjan Direzzjonali tal-UE biex jiġu miġġielda t-traffikar tad-droga u l-kriminalità organizzata⁴, jistabbilixxi azzjonijiet dwar it-tisħiħ tar-reżiljenza taċ-ċentri loġistiċi, inkluż permezz tal-Alleanza tal-Portijiet Ewropej, dwar l-eliminazzjoni ta' networks kriminali ta' riskju għoli, dwar il-prevenzjoni u dwar il-kooperazzjoni internazzjonali.

¹ 8085/21 + ADD1

² Strateġija tal-UE dwar id-Drogi 2021-2025: ĠU C 102I, 24.3.2021, p. 1

³ Pjan ta' Azzjoni tal-UE dwar id-Drogi 2021-2025: ĠU C 272, 8.7.2021, p. 2

⁴ 14114/23

3. Abbażi ta' dan il-qafas, u fl-isfond tas-sitwazzjoni dejjem aktar allarmanti tad-drogi, hemm hteġa urġenti li jittieħdu azzjonijiet li jħallu impatt fil-ġlieda kontra l-kriminalità organizzata relatata mad-droga, fi sforz kollaborattiv mill-Istati Membri, l-istituzzjonijiet u l-aġenziji tal-UE, u f'approċċ multidimensjonali. Dawn il-konklużjonijiet jindirizzaw l-aspetti ta' dawn l-azzjonijiet li huma relatati mat-twaqqif ta' network ġudizzjarju ddedikat biex jiġu indirizzati x-xejriet u t-theddid emerġenti mill-kriminalità organizzata.

Kooperazzjoni ġudizzjarja

4. In-networks kriminali u l-attivitajiet illeċiti tagħhom spiss ikopru ġurisdizzjonijiet differenti. Sabiex jiġu miġġielda n-networks kriminali u l-mudelli tan-negozju tagħhom madwar l-UE, l-awtoritajiet ġudizzjarji jridu jsaħħu l-kooperazzjoni u l-iskambju ta' informazzjoni tagħhom fl-Istati Membri kollha. Il-Eurojust għandha rwol importanti f'dan il-kuntest billi tappoġġa u ssaħħa il-koordinazzjoni u l-kooperazzjoni bejn l-awtoritajiet nazzjonali tal-investigazzjoni u l-prosekuzzjoni fir-rigward tal-kriminalità serja.
5. L-iskambju tal-informazzjoni u l-kooperazzjoni bejn l-awtoritajiet ġudizzjarji dwar investigazzjonijiet transfruntieri kumplessi fil-qasam tal-kriminalità organizzata jistgħu jissaħħu permezz tal-*ħolqien* ta' network ġudizzjarju magħmul minn prosekuturi speċjalizzati mill-Istati Membri, li jista' jibni u jkun ikkoordinat mal-*ħidma* tal-Eurojust, in-*Network Ġudizzjarju Ewropew f'materji kriminali (NĠE)* u partijiet ikkonċernati oħrajn. Matul il-laqgħa ministerjali informali tas-26 ta' Jannar 2024, il-Ministri għall-*Ġustizzja* tal-Istati Membri esprimew appoġġ ċar għal din l-idea.
6. Network bħal dan, ipprovdut b'għodod u riżorsi xierqa u suffiċjenti, jista' jipprovidi appoġġ u gwida effettivi lill-awtoritajiet ġudizzjarji Ewropej dwar kwistjonijiet rilevanti, bħal:
- l-identifikazzjoni u l-immappjar tax-xejriet u l-*modi operandi* tal-gruppi tal-kriminalità organizzata;
 - il-linji gwida strateġiċi dwar il-ġlieda kontra t-traffikar tad-drogi u l-kriminalità organizzata;

- l-identifikazzjoni ta' opportunitajiet f'każijiet konkreti biex tiġi ffaċilitata aktar il-ħidma operazzjonali tal-Eurojust, l-Iskwadri ta' Investigazzjoni Konġunta (SIK) u l-infurzar tal-liġi, inkluż fir-rigward tat-tnejjiet meħtieġa biex tiġi stabbilita SIK, f'konformità mal-qafas legali applikabbli u mingħajr ma jiġu dduplikati l-kompiti ta' atturi oħra;
- l-implikazzjonijiet tal-qafas legali diversifikat madwar l-Ewropa u lil hinn minnha.

Konklużjonijiet tal-Kunsill

Kunsiderazzjonijiet ġenerali dwar il-ħolqien tan-network

1. Network Ġudizzjarju Ewropew fil-qasam tal-Kriminalità Organizzata (minn hawn 'il quddiem: "in-Network") għandu jitwaqqaf u jipprovdi ċentru ta' għarfien espert speċjalizzat li jappoġġa lill-awtoritajiet ġudizzjarji fil-qasam tal-kriminalità organizzata. In-Network ser ilaqqa' flimkien esperti nazzjonali li jmessu l-investigazzjonijiet kriminali, primarjament prosekuturi u, jekk xieraq minħabba l-kuntest nazzjonali, imħallfin investigattivi jew uffiċjali tal-infurzar tal-liġi.
2. Għal dan il-għan, in-Network ser jiffaċilita u jsaħħaħ primarjament il-kooperazzjoni bejn l-awtoritajiet ġudizzjarji kompetenti li jittrattaw it-traffikar tad-droga u l-kriminalità organizzata u dan għandu jkun jista' jibbenefika mill-metodi żviluppati minn strumenti oħra tal-UE, bħall-EMPACT. B'hekk in-Network ser jiżgura li r-riżorsi jinġabru flimkien b'mod effiċjenti, li l-isforzi ma jiġux duplikati u li l-istrutturi u l-kompetenzi eżistenti, b'mod partikolari fil-Eurojust, il-Europol u n-NĠE, jiġu rrispettati bis-siġh.
3. Għandu jiġi żgurat li n-Network jista' jiffunzjona b'mod kontinwu, li jippermettilu jirreaġixxi malajr għall-attivitajiet li jkunu qed jinbidlu tal-gruppi tal-kriminalità organizzata. L-għarfien u l-għarfien espert mibnija min-Network għandhom ikunu sostenibbli. Biex jinkiseb dan, il-Eurojust hija mistiedna, skont ir-riżorsi disponibbli, torganizza n-Network fil-bini tagħha.

Kompiti tan-network

4. Minħabba n-natura diversifikata tal-attivitajiet tal-gruppi tal-kriminalità organizzata, in-Network għandu jkollu mandat wiesa' biex jindirizza l-aspetti kollha tal-ġlieda kontra l-kriminalità organizzata. F'dan is-sens, in-Network għandu jkollu mandat flessibbli, li jippermettilu jagħżel fokus speċifiku għall-attivitajiet tiegħu, f'konformità max-xejriet u t-treddid kriminali li jkunu qed jinbidlu.
5. Bħala fokus tal-ewwel prijorità, huwa rrakkomandat li n-Network jiffoka fuq ċentri għall-kummerċ illegali tad-drogi, b'mod partikolari portijiet tal-baħar u ċentri loġistiċi oħra użati minn gruppi tal-kriminalità organizzata biex jimportaw drogi illegali u jittrasportawhom fl-Unjoni.
6. B'mod partikolari, in-Network, f'koordinazzjoni mill-qrib mal-Eurojust u ma' atturi rilevanti oħra, ser:
 - a) jiffaċilita l-iskambju ta' għarfien espert, l-aħjar Prattiki u għarfien u esperjenza rilevanti oħra fl-investigazzjoni u l-prosekuzzjoni tal-kriminalità organizzata, inkluż l-applikazzjoni Prattika tal-oqfsa legali attwali u l-ġuriżprudenza rilevanti u l-kooperazzjoni ġudizzjarja transfruntiera effettiva;
 - b) jiskambja informazzjoni dwar żviluppi u xejriet ġenerali, kif ukoll skambju, mingħajr preġudizzju għal-leġiżlazzjoni applikabbli tal-Unjoni u dik nazzjonali, informazzjoni mhux personali, li tista' tikkontribwixxi għall-attivitajiet operazzjonali tal-Eurojust u l-awtoritajiet ġudizzjarji nazzjonali u tintuża fihom, b'mod partikolari fl-Iskwadri ta' Investigazzjoni Konġunta (SIK);
 - c) irawwem dijalogu fost atturi u partijiet ikkonċernati differenti li għandhom rwol fil-ġlieda kontra l-kriminalità organizzata, bħall-Europol, il-Eurojust u l-UPPE, mingħajr duplikazzjoni tal-isforzi u b'rispett sħiħ għall-istrutturi u l-kompetenzi eżistenti;
 - d) jikkostitwixxi ċentru ta' għarfien espert speċjalizzat;

Organizzazzjoni

7. Il-Eurojust ser tiżgura li l-ħidma tan-Network tkun allinjata mal-ħidma tal-Eurojust u ta' strutturi oħra u tipprovdi l-appoġġ loġistiku u operazzjonali meħtieġ għall-kompiti stabbiliti fil-punt 6 hawn fuq.
8. In-network għandu jiltaqa' regolarment skont il-ħtiġijiet tal-membri, fil-prinċipju darbtejn fis-sena, fejn il-Eurojust tospita l-laqgħat. L-ewwel laqgħa għandha tiġi organizzata bħala avveniment pilota b'finanzjament ad hoc fit-tieni nofs tal-2024. Idealment għandha tiffoka fuq il-kwistjoni topika ħafna tal-ġlieda kontra l-kriminalità organizzata relatata mad-droga marbuta mal-importazzjoni illegali tad-drogi mill-portijiet marittimi Ewropej u ċentri loġistiċi oħra.
9. In-network ser jibbaża l-ħidma tiegħu fuq aġenda abbozzata fl-ewwel kwart ta' kull sentejn f'konsultazzjoni mal-istituzzjonijiet, l-aġenziji u l-korpi rilevanti tal-UE u b'kont meħud tal-analizzjiet u l-valutazzjonijiet tar-riskju disponibbli, bħar-rapport tal-Europol dwar id-dekodifikazzjoni tan-networks kriminali. Madankollu, in-Network għandu jingħata l-flessibbiltà li jsegwi linji ta' ħidma oħra minbarra dawk indikati fl-aġenda meta dan ikun ġustifikat mis-sitwazzjoni.
10. L-allokazzjoni ta' riżorsi għall-iskop tan-network għandha tkun soġġetta għad-deċiżjoni tal-awtoritajiet baġitarji u mingħajr preġudizzju għall-Qafas Finanzjarju Pluriennali futur. B'kont meħud ta' dan, il-Kunsill jitlob lill-Kummissjoni u lill-Eurojust biex jeżaminaw u jħejju l-aspetti u l-modalitajiet finanzjarji u dawk prattiċi meħtieġa għall-funzjonijiet u l-kompiti tan-Network b'mod f'waqt filwaqt li jirrispettaw l-allokazzjoni tal-baġit u r-riżorsi umani għan-networks u l-istrutturi eżistenti.
11. Il-ħolqien ta' struttura permanenti ta' appoġġ għan-Network jidher li jissodisfa ħtieġa reali u urġenti għal appoġġ kwalifikat għan-Network. Il-kundizzjonijiet għall-ħolqien ta' tali struttura ta' appoġġ għandhom jiġu analizzati aktar bħala prijorità.

12. Is-sinerġiji bejn in-Network u l-Eurojust jew bejn in-Network u networks oħrajn ikunu żgurati f'konformità mal-konklużjonijiet tal-Kunsill "Is-sinerġiji bejn il-Eurojust u n-networks stabbiliti mill-Kunsill fil-qasam tal-kooperazzjoni ġudizzjarja f'materji kriminali" tat-18 ta' Ġunju 2019.⁵ Bl-istess mod, il-Kunsill jitlob lill-Kummissjoni tiżgura sinerġija bejn id-diversi inizjattivi taħt il-Pjan Direzzjonali, u speċifikament bejn dan in-Network u l-azzjonijiet meħuda mill-Alleanza tal-Portijiet Ewropej.
13. Kull Stat Membru huwa mitlub, skont il-proċedura nazzjonali tiegħu, jaħtar mill-inqas rappreżentant nazzjonali wieħed mill-awtoritajiet ta' prosekuzzjoni tiegħu, b'għarfien espert xieraq biex jieħu sehem fin-Network. Stat Membru jista' wkoll jaħtar imħallef investigattiv jew uffiċjal tal-infurzar tal-liġi, jekk dan hu ġġustifikat miċ-ċirkustanzi nazzjonali.
-

⁵ [https://eur-lex.europa.eu/legal-content/MT/TXT/PDF/?uri=CELEX:52019XG0618\(01\)&from=GA](https://eur-lex.europa.eu/legal-content/MT/TXT/PDF/?uri=CELEX:52019XG0618(01)&from=GA)